

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2016 – Työhönvalmennus Valma vs UASI (Forma ta' kaxxa tal-logħob li fiha blokok tal-injam)**

(Kawża T-363/15) <sup>(1)</sup>

**["Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali Komunitarja — Forma ta' kaxxa tal-logħob li fiha blokok tal-injam — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009"]**

(2016/C 156/55)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Työhönvalmennus Valma Oy (Lahti, il-Finlandja) (rappreżentanti: S. Salonen u K. Parviainen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Mejju 2015 (Każ R 1690/2014-2), li tikkonċerna applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkonstitwit mill-forma ta' kaxxa tal-logħob fiha blokok tal-injam bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Työhönvalmennus Valma OY hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 337, 12.10.2015.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2016 – Larymnis Larko vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-575/14) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Privatizzazzjoni — Miżuri ta' sostenn favur debitorji tar-rikorrenti — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Assenza ta' interess ġuridiku — Inammissibilità”)**

(2016/C 156/56)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Elliniki Metalleftiki kai Metallourgiki Larymnis Larko AE (Kallithea, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Koulouris, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar, aġent, assistiti minn V. Chatzopoulos, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/539/UE, tas-27 ta' Marzu 2014, dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.34572 (13/C) (ex 13/NN) implimentata mill-Greċja għal Larco General Mining & Metallurgical Company S.A. (ĠU L 254, p. 24).